MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 455/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Mandy Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

a) fil-lejl ta' bejn is-6 u 7 ta' Ġunju 2006 ġewwa dawn il-Gżejjer, ittraffikat, biegħet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbiegħ, jew tqassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

b) Ukoll talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjojni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-mediċini Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h) tal-Kap 9, l-artikoli 40A(1)(a), 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i), 120A (1B), 120(2B) – li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101 – kollha tal-Kap 31, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 sabet lill-appellata ħatja kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni (li kienet ammessa) b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti applikat il-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 li huwa l-ewwel proviso taħt is-subartikolu (7) tal-artikolu 120A tal-Kap 31, u li jista' jintuża darba biss u ikkundannataha għall-ħlas ta' multa ta' €940 li għandha titħallas fi żmien sitt xhur. Fin-nuqqas tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tat il-piena w minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghall-kundanna taghha wara li ghamlet interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata jew

inkomleta ta' ipotezi tal-ligi ossija tal-proviso introdott bl-Att XVI tas-sena 2006 li huwa l-ewwel proviso taht is-subartikolu 7 tal-artikolu 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta w dana peress li ma jezistux l-estremi li jiggustifikaw tali applikazzjoni.
Fil-fatt dan qalitu l-Qorti stess. Il-Qorti qalet li biex japplika dan il-proviso, l-persuna trid tkun qasmet id-droga li kient intiza ghaliha ma haddiehor u dan fl-istess waqt li jkun qed jikkunsmahha huwa stess. Dan ukoll fuq l-insenjament tas-sentenza "il-Pulizija vs Marco Galea". Nonostante dan, il-Qorti dehrilha li ikun aktar gust li jigi applikat il-proviso minhabba li l-ammont involut, ix-xorta tal-persuna, in-nuqqas ta' kundanni jew probations.
Illi l-ligi hija li hi. Il-Qorti ma tistax taghmilha tal-legislatur. Jekk ma jesistux l-estremi tas-sharing dan il-proviso ma jistax jigi uzat. Minn iqassa id-droga jew joffri d-droga jew iwassal id-droga lil haddiehor kif gara f'dan il-kaz ikun qieghed jittraffika d-droga. F'dan il-kaz id-droga li qasmet l-appellata ma kienitx ghall-uzu taghha imma provdita specifikament ghall-habibta li konsegwenza taghha spiccat overdose.
Ghalhekk ma jesistux l-estremi li jigi applikat dan il-proviso.

Ikkunsidrat:

Dana huwa appell maghmul mill-Avukat Generali minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magiatrati kontra l-appellata fit-23 ta' Novembru, 2009 fejn sabet htija kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni b'dana pero' illi t-tieni mputazzjoni kienet assorbita fl-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti applikat il-proviso introdott bl-att XV1/2006 u kkundannat lill-imputata ghal hlas ta' multa ta' €940. L-Avukat Generali qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija izda tirrevoka dik il-parti fejn il-Qorti tat il-piena u minflok tinfliggi piena skont il-Ligi. L-Avukat Generali argumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-kelma *sharing* sabiex applikat il-proviso. Skond l-Avukat Generali dan m'ghandux japplika.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-imputata flimkien ma zewgt ihbieb taghha Alison u Charlene marru party. Dawna ftehmu li se jiehdu l-ecstasy. Dakinhar tal-party Alison tat 4 Liri lill-imputata u l-imputata ghaddiet 4 Liri ta' Alison u 4 Liri ohra lil Charlene sabiex tixtri l-pilloli. F'hin minnhom Charlene ghaddiet zewg pilloli lill-imputata u sussegwentement l-imputata qalet lil Alison sabiex tmur maghha t-tiolet u hemm hekk ghaddiet pillola ecstasy lil Alison. It-tnejn ikkonsmaw dawn il-pilloli u Alison spiccat b'overdose.

L-Avukat Generali argumenta illi dan mhux kaz ta' "sharing" illi jissusisti biss meta wiehed joffri lil haddiehor mid-drogi tieghu u mhux meta taghti l-flus sabiex tixtri d-droga. L-ewwel Qorti dahlet fil-fond tat-tifsira tal-kelma "sharing" u kkwotat il-kaz gwida Il-Pulizija vs Marco Galea deciza fil-5 ta' Mejju, 2008 u waslet ghall-konkluzjoni illi x-sharing "jigifieri li dak li jkollu d-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkonsma huwa stess." u wara li ghamlet l-valutazzjonijiet taghha waslet ghall-konkluzjoni illi "biex japplika l-proviso dak li jkun dak li jiddeciedi li jaqsam id-droga ntiza ghalih ma hadiehor stess fl-istess waqt illi jkun qed jikkonsmha huwa stess."
Dan il-principju mhuwiex qed jigi kontestat mill-Avukat Generali. Jghid biss illi skond il-provi prodotti dana ma kellux japplika ghal dan il-kaz. L-ewwel Qorti pero' ghamlet evalutazzjoni korretta tal-provi li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzjoni illi l-appellanta kellha tibbenefika mill-proviso. Din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-argumenti ta' l-ewwel Qorti illi applikat il-Ligi ghall-fatti li kellha quddiemha u waslet ghall-konkluzjoni taghha skond ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz.

Naturalment ma jistax ikun hemm "a hard and fast rule", peress illi kull kaz hu differenti mill-iehor. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalutazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant. Ghalhekk jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u buon sens u bbasata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux

necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibli (ara Il-Pulizija vs Brian Caruana tat-23 ta' Mejju, 2002).

Din il-Qorti jidrilha illi l-konkluzjoni illi wasal ghaliha l-Magistrat kienet perfettament raggungibbli skond dil-provi u skond ic-cirkostanzi partikulari tal-kaz. Hu ormai principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tasal ghaliha (Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri Appell 28 ta' April, 1995). Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit ta' l-istess Sentenza u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------